MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 561/2000/1

**Carmelo Cipriott bhala prokuratur tal-assenti minn dawna l-gzejjer William Leslie Griffin u martu Violet Alexandra Griffin**

**Vs**

**Brian Cutajar ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta "Regina Auto Dealers"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in eszami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jirrifondi lill-attur nomine s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) imhallsa lill-konvenut noe bhala depozitu akkont ta' prezz ta' vettura peress li l-bejgh definittiv ma setax jigi kompletat wara l-avveriment ta' kundizzjoni rezoluttiva mifthiema bejn il-partijiet.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 9 ta' Frar 2000 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz (a fol 2 tal-atti).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 u fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi qabel xejn l-attur irid jipprova li huwa l-mandatarju ta' l-assenti konjugi Griffin.

Illi subordinatament huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur nomine essendo li huwa biss impjegat mad-ditta Regina Auto Dealer li tappartjeni lil terzi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fil-mertu l-ammont pretiz mhux dovut essendo li kien parti minn prezz fuq karozza mibjugha lil Willian Lesley Griffin u Violet Alexandra Griffin u ghalhekk se mai biex jitlob ir-refuzjoni jrid jitlob ir-rixessjoni tal-kuntratt.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, filwaqt li jigi rilevat li, kif risultanti mill-verbali ta' seduti a fol 21, 22, 23 u 24 tal-atti, il-konvenut inghata l-opportunita' sabiex jippresenta xi prova in sostenn ta' dak eccepiet minnu, liema prova, jew provi, qatt ma giet prodotta minnu, l-attur nomine issottometta bl-uzu tal-procedura ta' "affidavit" ix-xhieda tieghu stess tal-istess atti kif ukoll dik tal-mandati tieghu, William Leslie Griffin (fol 11 ibid) u ta' bin l-istess attur nomine, Peter Cipriott (fol 12 ibid).

Illi mill-istess provi jirrisulta illi l-imsemmi William Leslie Griffin kien ftiehem mal-konvenut, li jiggestixxi d-ditta msemmija, sabiex jakkwista min ghand dan, il-vettura msemmija fl-istess xhieda u li kienet tal-marka "TATA

Sumo” liema bejgh/xiri kien soggett ghal kondizzjoni li l-istess William Leslie Griffin jottjeni mutwi minghand il-Bank tieghu, liema self, pero’ ma giex koncess. Mill-istess xhieda jidher li tali kondizzjoni kienet giet accettata, tant li kienet giet espressament stipulata fuq l-ircevuti li ingharget meta l-istess Willliam Leslie Griffin kien hallas lill-istess konvenut s-somma specifikata fl-avviz u dan bhala akkont tal-prezz miftiehem vis-à-vis l-istess xiri/bejgh. Inoltre, jinghad ukoll, fl-istess xhieda, li l-konvenut meta kien gie informat bil-premess, kien irrifjuta li jirrifondi l-istess ammont u li, fil-frattemp, il-konvenut kien biegh lil terzi, l-istess vettura li, b’hekk, ma kienetx aktar disponibbli anke f’kaz li William Leslie Griffin kien ottjena l-imsemmi mutwi bankarju.

Illi, minn dan kollu, u fin-nuqqas ta’ xi prova in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut, it-talba in esami trid tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet sollevati mill-konvenut tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita tieghu premessa sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm500 bl-imghax legali mit-3 ta’ Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta’ Frar 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------